Nru./No. 21,034
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 6 ta' April, 2023
Thursday, 6 April, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3829 - 3845
Government Notices ..... *3829 - 3845*

Avviżi tal-Pulizija ..... 3845 - 3848
Police Notices ..... *3845 - 3848*

Avviżi lill-Baħħara ..... 3848 - 3850
Notices to Mariners ..... *3848 - 3850*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 3851 - 3904
Employment Opportunities ..... *3851 - 3904*

Avviżi tal-Gvern ..... 3905 - 3907
Notices ..... *3905 - 3907*

Offerti ..... 3907 - 3910
Tenders ..... *3907 - 3910*

Avviżi tal-Qorti ..... 3910 - 3920
Court Notices ..... *3910 - 3920*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 431

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

Kunsill Konsultattiv LGBTIQ

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza ħatret lis-Sa Roberta Briffa bħala segretarja fuq il-Kunsill Konsultattiv LGBTIQ. Din il-ħatra tibqa' tgħodd sal-25 ta' Jannar, 2024.

Is-6 ta' April, 2023

Nru. 432

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

Kunsill Konsultattiv għad-Drittijiet tan-Nisa

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza ħatret il-Kunsill Konsultattiv għad-Drittijiet tan-Nisa għal perjodu ta' sena (1) b'seħħ mis-6 ta' Marzu, 2023, kif ġej:

Chairperson
Is-Sa Charmaine Mangion

Membri
Dott. Jos Ann Cutajar
Dott. Martina Farrugia
Is-Sur Nicholas Bugeja
Is-Sa Mariella Camilleri
Is-Sa Elaine Vassallo Pavia
Is-Sa Charlotte Gregory
Is-Sa Amanda Cossai
Is-Sa Karen Buttigieg
Is-Sa Donia Scicluna
Is-Sa Anna Borg
Is-Sa Umayma Elamin amer Elamin
Is-Sa Francine Farrugia
Is-Sa Mary Gaerty
Is-Sa Nikita Alamango
Is-Sa Sla Bojanic
Il-Prof. Marie Avellino
Is-Sa Anamaria Magri Pantea
Il-Prof. Marceline Naudi
Is-Sa Mary Jones

GOVERNMENT NOTICES

No. 431

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR REFORMS AND EQUALITY

LGBTIQ Consultative Council

IT is hereby notified for general information that the Parliamentary Secretary for Reforms and Equality has appointed Ms Roberta Briffa as Secretary on the LGBTIQ Consultative Council. This nomination shall remain valid till 25th January, 2024.

6th April, 2023

No. 432

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR REFORMS AND EQUALITY

Consultative Council for Women's Rights

IT is hereby notified for general information that the Parliamentary Secretary for Reforms and Equality has appointed the Consultative Council for Women's Rights for a period of one (1) year with effect from 6th March, 2023, as follows:

Chairperson
Ms Charmaine Mangion

Members
Dr Jos Ann Cutajar
Dr Martina Farrugia
Mr Nicholas Bugeja
Ms Mariella Camilleri
Ms Elaine Vassallo Pavia
Ms Charlotte Gregory
Ms Amanda Cossai
Ms Karen Buttigieg
Ms Donia Scicluna
Ms Anna Borg
Ms Umayma Elamin amer Elamin
Ms Francine Farrugia
Ms Mary Gaerty
Ms Nikita Alamango
Ms Sla Bojanic
Prof. Marie Avellino
Ms Anamaria Magri Pantea
Prof. Marceline Naudi
Ms Mary Jones

Segretarja
Is-Sa Julia Aquilina

Is-6 ta' April, 2023

Nru. 433

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 30 ta' Awwissu, 2022, mogħtija mid-District Court ġewwa Vranov nad Topl'ou, is-Slovakkja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Is-6 ta' April, 2023

Nru. 434

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 23 ta' Novembru, 2022, mogħtija mill-Qorti tad-Distrett ta' Sangareddy ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Jonathan Attard
Ministru għall-Ġustizzja

Is-6 ta' April, 2023

Nru. 435

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 24 ta' Gunju, 2022, mogħtija mill-Imħallef Dhaneshwari Sidar, fil-Qorti ġewwa Ambikapur, ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

Secretary
Ms Julia Aquilina

6th April, 2023

No. 433

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 30th August, 2022, issued by the District Court of Vranov nad Topl'ou, Slovakia, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

No. 434

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 23rd November, 2022, issued by the Court District of Sangarweddy, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

No. 435

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 24th June, 2022, issued by Judge Dhaneshwari Sidar, at Ambikapur Court, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

Nru. 436

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 8 ta' Lulju, 2022, mogħtija mill- Court of Principal Senior Civil Judge and CJM, Udupi, ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

No. 436

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 8th July, 2022, issued by the Court of Principal Senior Civil Judge and CJM, Udupi, India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

Nru. 437

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 4 ta' Novembru, 1991, mogħtija mill-First Civil Court, District Court, San Salvador, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

No. 437

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 4th November, 1991, issued by the First Civil Court, District Court, San Salvador, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

Nru. 438

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 30 ta' Gunju, 2022, mogħtija mill-Court of the Principal District Judge Tiruchirappalli, ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

No. 438

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice has made this Order whereby the Adoption Order dated 30th June, 2022, issued by the Court of the Principal District Judge, Tiruchirappalli in India, is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Jonathan Attard
Minister for Justice

6th April, 2023

Nru. 439

ĦATRA TA'AĠENT KUMMISSARJU TAT-TAXXI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Shawn Agius	Kummissarju tat-Taxxi *Commissioner for Revenue*	Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi *Office of the Commissioner for Revenue*	24.4 - 29.4.2023

Is-6 ta' April, 2023

No. 439

APPOINTMENT OF ACTING COMMISSIONER FOR REVENUE

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance and Employment, has approved the following acting appointment:

6th April, 2023

Nru. 440

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tal-artikolu 10B (1) ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, in-Nutar Dottor Marilyn Sultana biddlet kunjomha minn Sultana għal Dimech u għalhekk isimha u kunjomha issa jinqraw Marilyn Dimech.

DOTTOR KEITH FRANCIS GERMAN
Nutar Prinċipali tal-Gvern

Is-6 ta' April, 2023

No. 440

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is hereby notified that in virtue of article 10B (1) of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, Notary Doctor Marilyn Sultana changed her surname from Sultana to Dimech and therefore her name and surname now read Marilyn Dimech.

DOCTOR KEITH FRANCIS GERMAN
Chief Notary to Government

6th April, 2023

Nru. 441

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, wara li ħadet inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fid-29 ta' Marzu, 2023, qed tawtorizza deroga mill-proviżjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9(1)(e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tad-demm sa massimu ta' ħamsin (50) eżemplar adult u frieħ mill-ispeċi Żanżarell tat-

No. 441

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 29th March, 2023, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9(1)(e) to permit the taking of blood samples from up to fifty (50) adult and fledged young specimens of Spotted Flycatcher

Tikki (*Muscicapa striata s.l.*) u kampjuni tar-rix sa massimu ta' mitt (100) eżemplar mill-istess speċi inklużi frieħ li jkunu għadhom fil-bejta. Qed jiġi permess ukoll it-teħid ta' frieħ minn din l-ispeċi li jkunu mejta fil-bejtiet għal analiżi ġenetika. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzja maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li għandha tkun valida mill-ewwel (1) ta' Mejju sal-wieħed u tletin (31) ta' Awwissu, 2023. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat sal-ħmistax (15) ta' Settembru, 2023.

Is-6 ta' April, 2023

Nru. 442

TAQSIMA TAR-REGOLAMENTAZZJONI GĦALL-GĦASAFAR SELVAĠĠI

Notifika ta' Deroga

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-raba' proviso tar-Regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42), il-Ministru responsabbli għall-ambjent, flimkien mal-Ministru għal Għawdex, wara li ħadet inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis li ltaqa' fid-29 ta' Marzu, 2023, qed tawtorizza deroga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament 4 (1) (a), (d) u (e) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9 (1) (e) li tippermetti li jittieħdu kampjuni tad-demm sa massimu ta' tletin (30) eżemplari adulti u frieħ mill-ispeċi *Puffinus yelkouan* (Garnija), sa massimu ta' tletin (30) eżemplari adulti u frieħ mill-ispeċi *Calonectris diomedea* (Ċiefa) u sa massimu ta' ħamsin (50) eżemplari adulti u frieħ mill-ispeċi *Larus michahellis* (Gawwija Prima). Id-deroga tawtorizza ukoll li jittieħdu kampjuni tar-rix sa massimu ta' mija u ħamsin (150) eżemplar mill-ispeċi *Puffinus yelkouan* (Garnija), massimu ta' tmenin (80) eżemplar mill-ispeċi *Calonectris diomedea* (Ċiefa) u massimu ta' ħamsin (50) eżemplar mill-ispeċi *Larus michahellis* (Gawwija Prima). Il-liċenzja relatata hija valida mid-data ta' din in-Notifika sat-30 ta' Novembru, 2023. L-awtorizzazzjoni qed tingħata għall-iskop ta' riċerka u analiżi xjentifika strettament taħt il-kundizzjonijiet u l-kontrolli stipulati fil-liċenzji maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. L-informazzjoni miksuba minn dan l-istudju għandha tasal għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi f'forma ta' rapport dettaljat fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-iskadenza tal-liċenzja.

It-30 ta' Marzu, 2023

(*Muscicapa striata s.l.*) and the taking of feather samples from up to hundred (100) specimens from the same species, including pulli. The retrieval of any chicks from the same species that may be found dead in nests shall also be permitted for genetic analysis. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licence issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit, which shall be valid from 1st May to 31st August, 2023. The information obtained through this study shall be submitted to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report by not later than 15th September, 2023.

6th April, 2023

No. 442

WILD BIRDS REGULATION UNIT

Notice of Derogation

IN exercise of the powers conferred by the fourth proviso to Regulation 10(6) of the Conservation of Wild Birds Regulations (S.L. 549.42), the Minister responsible for the environment, in conjunction with the Minister for Gozo, after giving due consideration to the recommendations of the Ornis Committee, which met on the 29th March, 2023, is hereby authorising derogation from the provisions of Regulation 4 (1) (a), (d) and (e) in line with the provisions of Regulation 9 (1) (e) to permit the taking of blood samples from up to thirty (30) adult and chick specimens of Yelkouan Shearwater *Puffinus yelkouan*, up to thirty (30) adult and chick specimens of Scopoli's Shearwater *Calonectris diomedea* and up to fifty (50) adult and chick specimens of Yellow-legged gull *Larus michahellis*. The derogation will also permit the taking of feather samples from up to hundred fifty (150) specimens from Yelkouan Shearwater *Puffinus yelkouan*, up to eighty (80) specimens from Scopoli's Shearwater *Calonectris diomedea* and up to fifty (50) specimens from Yellow-legged gull *Larus michahellis*. The validity period of the licence shall be from the date of this Notice until 30th November, 2023. Authorisation is being granted for the purpose of scientific research and analysis strictly under the conditions and controls stipulated in the licences issued for this purpose by the Wild Birds Regulation Unit. The information obtained through this study shall be provided to the Wild Birds Regulation Unit in the form of a detailed written report within six (6) months from the expiry date of the licence.

30th March, 2023

No. 443

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Regolamenti tal-2023 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' Ċerti Dispożizzjonijietli Jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku

Nota ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sospensjoni Temporanja ta' ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-Akkwist Pubbliku hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti"
Attività li għandha tiġi regolata	Kuntratti pubbliċi **li għadhom fis-seħħ u li ġ**ew ffirmati fit-30 ta' Settembru, 2022 jew qabel, mogħtija skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S.601.03) u r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (L.S.601.05)
Entità responsabbli	Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol

Bħal ma ġie provdut diġà fir-regolamenti prinċipali, id-Dipartiment tal-Kuntratti huwa konxju ta' livelli ta' riskju anormali li għaddejjin bħalissa fis-swieq internazzjonali dwar prezzijiet speċifiċi, li jirriżultaw prinċipalment mill-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ukrajna. Dan l-għarfien wassal sabiex jiġu fis-seħħ r-regolamenti, li taw opportunità lill-kuntratturi pubbliċi sabiex jindirizzaw il-mitigazzjoni tar-riskji permezz tal-possibilità ta' rikjesta għall-kumpens finanzjarju, soġġett għall-konformità mal-kriterji.

2. Sommarju u sfond

L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jestendi l-applikabilità tar-regolamenti sabiex tippermetti lid-Direttur tal-Kuntratti jikkunsidra talbiet għal kumpens minħabba żidiet anormali fl-ispejjeż relatatima' kuntratti pubbliċi iffirmati fi jew qabel t-30 ta' Settembru 2022 u jestendi l-perjodu ta' applikabilità u l-perjodu ta' skadenza għat-talba għal kumpens sal-31 ta' Lulju, 2023.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn tliet (3) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

1. Titolu.

2. Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju fuq ir-regolamenti

Ir-regolament 3 jipprovdi li t-talbiet kollha għal kumpens (li ġejjin minn kuntratturi pubbliċi) iridu jiġu sottomessi lill-awtorità kontraenti rilevanti. Skont ir-regolament 248(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku u r-regolament 179 tar-Regolameti dwar akkwist pubbliku ta' entitajiet li joperaw fis-servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali l-awtorità kontraenti għandha tgħaddi l-imsemmija rikjesta lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-kunsiderazzjoni tagħha. Il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) għandu jiġi emendat sabiex jaqra li l-kuntratt pubbliċi li jistgħu jiġu kkunsidrati għall-kumpens finanzjarju, għandhom jirreferu għal dawk il-kuntratti ffirmati fi jew qabel t-30 ta' Settembru, 2022.

Regolament 7 għandu jiġi emendat sabiex jestendi l-iskadenza għat-talba għal kumpens finanzjarju lil hinn mill-perjodu attwali ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-regolamenti u minflok l-iskadenza sseħħ fil-31 ta' Lulju, 2023.

5. Konklużjoni

Billi jiġu estiżi l-perjodi ta' applikabilità u l-iskadenza tal-perjodu tar-regolamenti , kuntratturi pubbliċi jingħataw sapport fl-istadju ta' implimentazzjoni ta' kuntratti pubbliċi permezz ta' qafas legali fejn proċedura legali hija disponibbli lill-awtorita kontraenti u lill-kuntrattur u għaldaqstant tirregola l-klawsola fil-kuntratt pubbliku rigward ir-reviżjoni tal-prezzijiet.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

No. 443

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Temporary Suspension of Certain Provisions Relating to Public Procurement Regulations (Amendment) Regulations, 2023

Explanatory Note

1. Introduction

Title of Regulations	Temporary Suspension of certain provisions relating to Public Procurement (Amendment) Regulations, 2023 hereinafter referred to as the "the regulations".)
Activity to be regulated	Ongoing public contracts signed on, or before, the 30th September, 2022 awarded in accordance with the Public Procurement Regulations (S.L.601.03) and the Public Procurement of Entities Operating in the Water, Energy, Transport and Postal Services Sectors Regulations(S.L.601.05)
Responsible entity	Department of Contracts within the Ministry for Finance and Employment

As it had already provided in the principal regulations the Department of Contracts is aware of the current ongoing international price related abnormal risk levels, which result mainly from the Russia-Ukraine conflict. Such knowledge led to the enactment of the regulations, which provided an opportunity to public contractors to address their risk mitigation through the possibility of requesting financial compensation, subject to the adherence of criteria.

2. Summary and background

The aim of these regulations is to extend the applicability of the regulations in order to allow the Director of Contracts to consider requests for compensation stemming from abnormal increases in expenses related to public contracts signed on or before the 30th September 2022 and to extend the expiration period for requests for compensation till the 31st July, 2023.

3. Overview of the structure of the instrument

The regulations are made up of three (3) regulations and consist of the following:

1. Citation.

2. Amends regulation 3 of the principal regulations.

3. Amends regulation 7 of the principal regulations.

4. Commentary on regulations

Regulation 3 provides that requests for compensation (made by public contractors) are to be submitted to the relevant contracting authority. In accordance with regulation 248(2) of the Public Procurement Regulations, and regulation 179 of the Public procurement of entities in the Water, Energy, Transport and Postal Services Sectors the contracting authority is to forward the said request to the Department of Contracts for its consideration. Paragraph (a) of sub-regulation (1) shall be amended to read that the public contracts which may be considered for financial compensation refer to those public contracts signed on or before the 30th September, 2022.

Regulation 7 shall be amended to extend the expiration period beyond the current period of six (6) months from the date of publication of the regulations and instead the expiration shall lapse on 31st July, 2023.

5. Concluding Section

By extending the period of applicability and the expiration period of theregulations, public contractors are supported in the implementation stage of public contracts through a legislative framework, where a legal procedure is available to the contracting authority and the contractor and therefore regulating the price revision clause in the public contract.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement. These Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

6th April, 2023

Nru. 444

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'Ħ'ATTARD

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 655 tal-15 ta' Ġunju, 2012, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħ'Attard', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 444

NUMBERING OF DOORS AT Ħ'ATTARD

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 655 dated 15th June, 2012, under the title 'Renumbering of doors at Ħ'Attard', the following amendments in **bold** should be made.

Ħ'ATTARD

TRIQ IL-PITKALI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Mosta

Left side entering from Triq il-Mosta

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Mosta

Right side entering from Triq il-Mosta

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Ħanut	128
Sit bla bini	130
Sit bla bini	132
Cheverny	134

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
128 (Ħanut)	128
Garaxx	**130**
The Office (Uffiċċju)	**132**
Ħanut	**132A**
Garaxx	**132B**
134, Cheverny	134

Is-6 ta' April, 2023

6th April, 2023

Nru. 445

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-BAĦRIJA, IR-RABAT(M)

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 867 tad-19 ta' Lulju, 2019, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Baħrija, Ir-Rabat(M)', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 445

NUMBERING OF DOORS AT IL-BAĦRIJA, IR-RABAT(M)

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 867 dated 19th July, 2019, under the title 'Numbering of doors at Il-Baħrija, Ir-Rabat(M)', the following amendment in **bold** should be made.

IL-BAĦRIJA, IR-RABAT (M)

23. TRIQ IL-QASTAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kappella l-Qadima

Left side entering from Triq il-Kappella l-Qadima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Flettijiet)	35
Daħla għall-garaxxijiet	37

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kappella l-Qadima

Right side entering from Triq il-Kappella l-Qadima

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
35 (Flettijiet)	35		
Blossom	**35A**		
37 (Daħla għall-garaxxijiet)	37		

Is-6 ta' April, 2023

6th April, 2023

Nru. 446

No. 446

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL BALZAN

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL BALZAN

Emendi

Amendments

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 602 tal-14 ta' Awwissu, 1997, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Balzan', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

WITH reference to Government Notice No. 602 dated 14th August, 1997, under the title 'Numbering of doors at Ħal Balzan', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL BALZAN

20. TRIQ IL-QARĊILLA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Paguni
Left side entering from Triq il-Paguni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Paguni
Right side entering from Triq il-Paguni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Villa Heidelberg	2
Bieb tal-ġenb	4
Garaxx (Grada)	6
Garaxx (Grada)	8
Garden Reach	10

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	**2**
		Garaxx	**2A**
		Villa Golden Rose	**2B**
		Garaxx	**4**
		Garaxx	**4A**
		2, Invictus	**6**
		8 (Garaxx)	8
		10, Garden Reach	10

Nru. 447

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMĠARR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 529 tal-20 ta' Mejju, 2005, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imġarr', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 447

NUMBERING OF DOORS AT L-IMĠARR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 529 dated 20th May, 2005, under the title 'Numbering of doors at L-Imġarr', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMĠARR

7. TRIQ ĠNIEN ID-DWIELI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sir Temi Zammit

Left side entering from Triq Sir Temi Zammit

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Sir Temi Zammit

Right side entering from Triq Sir Temi Zammit

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	48
Sit bla bini	50
Sit bla bini	52
Sit bla bini	54
Sit bla bini	56
Garaxx	58
Dar L-Għakrux	60

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
48	48
Peprina	**50**
Lelluxa	**52**
58 (Garaxx)	58
60, L-Għakrux	60

* In-numri 54 u 56 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament

Is-6 ta' April, 2023

6th April, 2023

Nru. 448

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMSIDA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 294 tas-7 ta' April, 1998, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imsida', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 448

NUMBERING OF DOORS AT L-IMSIDA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 294 dated 7th April, 1998, under the title 'Renumbering of doors at L-Imsida', the following amendment in **bold** should be made.

L-IMSIDA

4. TRIQ JOHNNY CATANIA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq D'Argens

Left side entering from Triq D'Argens

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq D'Argens

Right side entering from Triq D'Argens

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb ta' ġnien	12
21	14

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		12 (Bieb ta' ġnien)	12
		14A	**12A**
		14	14

Is-6 ta' April, 2023

Nru. 449

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 647 tas-27 ta' Lulju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

6th April, 2023

No. 449

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 647 dated 27th July, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

13. TRIQ IL-BUFULA ĦAMRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Waqqafa
Left side entering from Triq il-Waqqafa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Waqqafa
Right side entering from Triq il-Waqqafa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Ix-Xewqa Tagħna	34
La Mia Casa	36
Garaxx	38
Grada ta' ġnien	40
Garaxx	42
Melbourne	44
Althaea	46

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		34, Ix-Xewqa Tagħna	34
		Garaxx	**36**
		Garaxx	**36A**
		Garaxx	**36B**
		Klopp's Court	**38**
		Grada ta' Ġnien	40
		Garaxx	**42**
		Garaxx	**42A**
		Garaxx	**42B**
		Dun Ġorġ Grima Court	**44**
		46, Althaea	46

Is-6 ta' April, 2023

6th April, 2023

Nru. 450

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 120 tal-31 ta' Jannar, 2023, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandha ssir din l-emenda kif indikata b'tipi **grassi**.

No. 450

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 120 dated 31st January, 2023, under the title 'Numbering of doors at Il-Mosta', the following amendment in **bold** should be made.

IL-MOSTA

1. TRIQ IL-PONT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Bażilika

Left side entering from Triq il-Bażilika

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
47	57
Garaxx	59

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Bażilika

Right side entering from Triq il-Bażilika

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandha tinqara

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
57	57
Bieb bla numru	**57A**
59 (Garaxx)	59

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Is-6 ta' April, 2023

6th April, 2023

Nru. 451

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 259 tal-15 ta' Ġunju, 1951, għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 451

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 259 dated 15th June, 1951, the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

TRIQ IT-TORRI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Oratorju

Left side entering from Triq l-Oratorju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Oratorju

Right side entering from Triq l-Oratorju

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
193	96
Bieb bla numru	98
190	100

għandhom jinqraw

should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
96	96
Luscious Look (Ħanut)	**98**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**98A**
100	100

Is-6 ta' April, 2023

6th April, 2023

Nru. 452

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA VENERA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 551 tas-27 ta' Mejju, 2005, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Santa Venera', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 452

NUMBERING OF DOORS AT SANTA VENERA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 551 dated 27th May, 2005, under the title 'Renumbering of doors at Santa Venera', the following amendments in **bold** should be made.

SANTA VENERA

1. TRIQ SALVU GUILLAUMIER

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Karmelitani

Left side entering from Triq il-Karmelitani

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Dar)	29
Sit bla bini	31
Sit bla bini	33
Garaxx	35
Bieb bla numru	37

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Karmelitani

Right side entering from Triq il-Karmelitani

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
29	29
Garaxx	**31**
Bieb bla numru	**31A**
La Belle	**33**
35 (Garaxx)	35
37	37

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Is-6 ta' April, 2023

6th April, 2023

Nru. 453

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA VENERA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 452 tat-28 ta' April, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Santa Venera', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 453

NUMBERING OF DOORS AT SANTA VENERA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 452 dated 28th April, 2017, under the title 'Numbering of doors at Santa Venera', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

SANTA VENERA

TRIQ DUN FRANS CAMILLERI

Meta tidħol minn Triq Carini
Entering from Triq Carini

Emendi - *Amendments*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	41
Bini qed jinbena (Flettijiet)	42

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
41 (Daħla għall-garaxxijiet)	41
Sit bla bini	**42**

Prolungament - *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	42

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Shadow Point (Flettijiet)	**43**
Alpa Court	**44**
Crystal	**45**
Akoya Court	**46**

Is-6 ta' April, 2023

Nru. 454

RILAXX TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

BILLI bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tas-7 ta' Mejju, 1975, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju, 1975, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 320, il-President ta' Malta kien iddikjara illi biċċa art kienet meħtieġa mill-Gvern kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi din il-biċċa art m'għadhiex aktar meħtieġa, jiena hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku u kif ukoll skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-6 ta' April, 2023
(File No. L 92/75)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:

Biċċa art tal-kejl ta' 53.4 metri kwadri, li tmiss mill-Punent u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Alexander De Piro Gourgion u oħrajn u mix-Xlokk ma' proprjetà tad-Ditta Peter Camilleri and Sons Ltd jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal u mmarkata bħla plot 1 fuq il-pjanta L.D. 92/75, li

6th April, 2023

No. 454

RELEASE OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 7th May, 1975, published in the Government Gazette of the 13th May, 1975, under Government Notice No. 320, the President of Malta had declared that a plot of land was required by the competent Government for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88), and whereas this plot of land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose and also according to the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

6th April, 2023

Description of the Land

The following land at Marsa:

A plot of land measuring 53.4 square metres, bounded on the West and South West by property of Alexander De Piro Gourgion and others and on the South East by property of the Firm Peter Camilleri and Sons Ltd or more precise boundaries.

The abovementioned land is shown delineated with the colour blue and marked as plot 1 on plan L.D. 92/75, which

wieħed jista' jara fuq talba fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-14 ta' Frar, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 60

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, 9 ta' April, 2023, mis-7.30 a.m. san-12.30 p.m., minn Triq Santa Marija.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' April, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 61

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birkirkara

Nhar il-Ħamis, 6 ta' April, 2023, mit-8.15 p.m. sal-10.00 p.m., minn Pjazza Sant'Elena, Triq Mike Pulis, Triq Tal-Ħerba, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Triq il-Vitorja u Triq is-Santwarju;

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' April, 2023, mit-8.15 a.m. sal-10.00 a.m., minn Pjazza Sant'Elena, Triq Mike Pulis, Triq Tal-Ħerba, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira, Pjazza San Fanġisk, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Triq il-Vitorja u Triq is-Santwarju.

may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

14th February, 2023

POLICE NOTICE

No. 60

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Sunday, 9th April, 2023, from 7.30 a.m. till 12.30 p.m., through Triq Santa Marija.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

6th April, 2023

POLICE NOTICE

No. 61

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Birkirkara

On Thursday, 6th April, 2023, from 8.15 p.m. till 10.00 p.m., through Pjazza Sant'Elena, Triq Mike Pulis, Triq Tal-Ħerba, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Triq il-Vitorja and Triq is-Santwarju;

On Friday, 7th April, 2023, from 8.15 a.m. till 10.00 a.m., through Pjazza Sant'Elena, Triq Mike Pulis, Triq Tal-Ħerba, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira, Pjazza San Fanġisk, Triq il-Kbira Ħas-Sajjied, Triq il-Vitorja and Triq is-Santwarju.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħadd, 9 ta'April, 2023, mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m. minn Triq it-Tlett Knejjes u Pjazza Bertu Fenech.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Iż-Żejtun

Nhar il-Ħadd, 16 ta' April, 2023, mid-9.30 a.m. sal-11.30 a.m., minn Triq San Girgor, Triq San Piju X, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Marija, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq Lorenzo Gafà, Triq John Borg, Triq Ta' Tavlin, Triq l-Għannejja, Triq San Pawl, Triq il-Bon Kunsill u Triq San Girgor.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, 16 ta' April, 2023, mill-10.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq San Benedittu, Triq l-Imdina, Triq il-Militar, Triq il-Fieres, Triq D. Cremona, Triq K. Cremona, Triq in-Niċċa tal-Madonna, Triq S. Peter, Triq N. Ellul, Triq il-Belt Valletta u Triq Santu Rokku.

Għeluq ta' triq biss sakemm tgħaddi l-purċissjoni u trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Marsaxlokk

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2023, mis-6.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Xatt is-Sajjieda

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' April, 2023

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 62

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Public transport will be affected.

Ħal Balzan

On Sunday, 9th April, 2023, from 8.00 a.m. till 10.00 a.m. through Triq it-Tlett Knejjes and Pjazza Bertu Fenech.

Public transport will be affected.

Żejtun

On Sunday, 16th April, 2023, from 9.30 a.m. till 11.30 a.m., through Triq San Girgor, Triq San Piju X, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Marija, Triq il-Madonna tal-Ħniena, Triq Lorenzo Gafà, Triq John Borg, Triq Ta' Tavlin, Triq l-Għannejja, Triq San Pawl, Triq il-Bon Kunsill and Triq San Girgor.

Public transport will also be affected.

Ħal Kirkop

On Sunday, 16th April, 2023, from 10.30 a.m. till noon, through Triq San Benedittu, Triq l-Imdina, Triq il-Militar, Triq il-Fieres, Triq D. Cremona, Triq K. Cremona, Triq in-Niċċa tal-Madonna, Triq S. Peter, Triq N. Ellul, Triq il-Belt Valletta and Triq Santu Rokku.

Closure of street only till the passing of the procession and public transport will also be affected.

Marsaxlokk

On Monday, 8th May, 2023, from 6.30 p.m. till 8.00 p.m., through Xatt is-Sajjieda

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

6th April, 2023

POLICE NOTICE

No. 62

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Il-Fontana

Nhar il-Ħadd, 9 ta' April, 2023, mill-10.30 a.m. san-12.30 p.m., minn ħdejn il-Knisja tal-Fontana, Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, wara l-knisja, Triq Ta' Mulejja, Triq il-Għajn u ħdejn il-knisja.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Il-Belt Valletta

Nhar it-Tlieta, 11 ta' April, 2023, mid-9.00 p.m., sal-Erbgħa, 12 ta' April, 2023, sat-8.00 p.m., minn Misraħ Indipendenza kollha, Triq il-Punent bejn Triq San Bastjan u Triq it-Teatru l-Antik.

Trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Marsaxlokk

Nhar l-Erbgħa, 12 ta' April, 2023, mis-7.30 a.m. sas-6.30 p.m., minn Xatt is-Sajjieda u parti minn Triq Duncan;

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2023, mill-4.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Xatt is-Sajjieda.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Il-Munxar/Ir-Rabat (Għawdex)/Ta' Kerċem

Nhar il-Ġimgħa, 28 ta' April, 2023, mit-8.30 p.m. sal-9.30 p.m., u mill-10.30 p.m. sal-11.30 p.m minn Triq ix-Xlendi, Triq il-Munxar, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, Triq John Gaspard La Merchant u Triq Għajn Tuta.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar il-Ħadd, 30 ta' April, 2023, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Sir Mikelanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Triq it-Telgħa tal-Belt u Pjazza Katidral.

Trasport pubbliku jista' jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' April, 2023

Fontana

On Sunday, 9th April, 2023, from 10.30 a.m. till 12.30 p.m., through near Fontana church, Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, behind the church, Triq Ta' Mulejja, Triq il-Għajn and near the church.

Public transport may also be affected.

Valletta

On Tuesday, 11th April, 2023, from 9.00 p.m., till Wednesday 12th April, 2023, till 8.00 p.m., through all of Misraħ Indipendenza, Triq il-Punent between Triq San Bastjan and Triq it-Teatru l-Antik.

Public transport (Valletta Circular Bus) may also be affected.

Road closure will be done as required.

Marsaxlokk

On Wednesday, 12th April, 2023, from 7.30 a.m. till 6.30 p.m., through Xatt is-Sajjieda and part of Triq Duncan;

On Monday, 8th May, 2023, from 4.30 p.m. till 8.00 p.m., through Xatt is-Sajjieda.

Public transport will also be affected.

Munxar/Victoria/Ta' Kerċem

The VCA is a Government entity that sustains and strengthens the Capital City's vibrant cultural life through the creation of an annual programme of creative events developed in collaboration with artists and other public cultural organisations. A legacy of the Valletta 2018 Foundation, the VCA also upholds standards of excellence in the coordination and organisation of cultural events in the city, while encouraging access and participation by a diverse audience.

Services Required

The Programming Administration Coordinator will form part of the Programming Department of the VCA and will be working under the supervision of the Head of Programming and Production and the Chief Executive Officer. The main duties of the Programming Administration Coordinator are:

Għajnuna lid-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni fil-funzjonijiet tiegħu;

Għajnuna fi kwistjonijiet ta' amministrazzjoni ġenerali inkluż iżda mhux limitat għall-ġestjoni ta' skedi, abbozzar preliminari ta' kuntratti u tbassir ta' baġits;

Il-ġestjoni u l-aġġornament tad-dokumentazzjoni elettronika u fiżika kollha meħtieġa direttament relatata mad-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni;

Il-ġestjoni tat-talbiet għall-komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni u t-trasferiment tal-komunikazzjoni kif meħtieġ inkluż l-iskrinjar ta' telefonati, mistoqsijiet u talbiet;

Il-ġbir, l-organizzar u s-segwitu ta' informazzjoni relatata mal-assigurazzjoni, ftehimiet, il-kontabbiltà u proċeduri;

Ħidma ma' diversi partijiet interessati u diversi organizzazzjonijiet esterni kif meħtieġ;

Attendenza f'kumitati u laqgħat kif meħtieġ mir-rwol;

It-teħid tal-minuti tal-laqgħat li jattendu u li saru u kwalunkwe rappurtar wara;

Il-kitba ta' rapporti u t-tħejjija ta' preżentazzjonijiet kif meħtieġ;

Arranġamenti għall-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni għad-Dipartiment tal-Ipprogrammar u l-Produzzjoni kif meħtieġ;

Rappurtar meta mitlub lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv u/jew iċ-Chairman tal-VCA.

Kwalifiki u Esperjenza Meħtieġa

L-applikanti interessati jridu jkunu fil-pussess tal-kwalifiki u/jew ċertifikati li ġejjin:

Kwalifika fil-grad ta' Masters fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2008) f'suġġett relatat mal-Management/Xjenzi Soċjali/Studji Umanistiċi, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Jew

Kwalifika fi grad ta' Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) f'suġġett relatat mal-Management/Xjenzi Soċjali/Studji Umanistiċi, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Assisting the Programming and Production Department in its functions;

Assisting in matters of general administration including but not limited to the management of schedules, preliminary drafting of contracts and forecasting of budgets;

Managing and updating all necessary electronic and paper documentation directly related to the Programming and Production Department;

Managing requests for communication with the Programming and Production Department and relaying communication as necessary including screening phone calls, enquiries and requests;

Collating, compiling and following up on information related to insurance, agreements, accounting and procedure;

Liaising with multiple stakeholders and various external organisations as necessary;

Attending committees and meetings as required by the role;

Minute taking of meetings attended and conducted and any reporting thereafter;

Writing reports and preparing presentations as necessary;

Making travel and accommodation arrangements for the Programming and Production Department as necessary;

Reporting when requested to the Chief Executive Officer and/or the Chairman of the VCA.

Qualifications and Experience Required

Interested applicants must be in possession of the following qualifications and/or certificates:

Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in a subject related to Management/Social Sciences/the Humanities, plus one (1) year relevant work experience.

Or

Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in a subject related to Management/Social Sciences/the Humanities, plus three (3) years relevant work experience.

Jew

Kwalifika fi grad ta' Diploma f'Livell 5 tal-MQF f'suġġett relatat mal-Management/Xjenzi Soċjali/Studji Umanistiċi, flimkien ma' ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Il-kwalifiki u l-esperjenza mitluba għandhom ikunu sostnuti minn ċertifikati u/jew testimonjanzi, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni jew mibgħuta separatament lill-Kap tal-HR Management fuq l-indirizz, Valletta Cultural Agency, Exchange Buildings, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, jew permezz ta' ittra elettronika lil (hr@vca.gov.mt) sa mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq.

Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom jiġu ppreżentati invarjabbilment għall-verifika waqt l-intervista.

Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati huma mitluba jibagħtu ittra ta' motivazzjoni indirizzata lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, flimkien ma' dokument li jagħti spjegazzjoni qasira u metodoloġija dwar kif beħsiebhom jilħqu l-għanijiet stabbiliti fit-taqsima intitolata 'Servizzi Meħtieġa'. Dawn id-dokumenti, flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati, għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (hr.vca@vca.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (ħin tal-Ewropa Ċentrali) tat-Tnejn, 17 ta' April, 2023. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-applikanti magħżula jintalbu jattendu għal intervista, li tista' ssir online. L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn bord tal-għażla biex jevalwaw l-identità tagħhom biex iwettqu d-dmirijiet imsemmija hawn fuq.

L-għażla finali ssir fuq mertu tekniku, u tkun ibbażata fuq analiżi tad-dokumentazzjoni sottomessa skont ir-rekwiżiti ta' din is-sejħa u fuq ir-riżultat tal-intervista.

Is-6 ta' April, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għas-servizzi ta' 'Konsulenti għall-Iżviluppaturi ta' Xenarji ta' Tagħlim li Jintegra t-Tagħlim tal-Kontenut u l-Lingwa'

(Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.)

Bħala parti mill-proġett 'Integra', iċ-Ċentru tax-Xjenza, fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jistieden kandidati eliġibbli li jixtiequ joffru s-servizz tagħhom bħala 'Konsulenti għall-

Or

Diploma's qualification at MQF Level 5 in a subject related to Management/Social Sciences/the Humanities, plus five (5) years relevant work experience.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application or sent separately to the Head of HR Management at Valletta Cultural Agency, Exchange Buildings, Triq ir-Repubblika, Valletta, or by email to (hr@vca.gov.mt) by not later than the closing date and time.

Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter addressed to the Chief Executive Officer, together with a document outlining a brief explanation and methodology on how they are to achieve the objectives laid out in the section entitled 'Services Required'. These documents, together with a CV and copies of certificates, are to be sent by email to (hr.vca@vca.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Monday, 17th April, 2023. Late applications will not be considered.

Shortlisted applicants will be asked to sit for an interview, which may be conducted over the internet. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability to carry out the duties mentioned above.

The final selection shall be made on technical merit. It will be based on an analysis of the submitted documentation in line with the requirements of this call, and on the outcome of the interview.

6th April, 2023

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Call for Expression of Interest for the services of 'Advisors for Developers of Learning Scenarios using Content and Language Integrated Learning'

(*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.)*

As part of its project 'Integra', the Science Centre, within the Directorate for Learning and Assessment Programmes, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, invites eligible candidates who would like to offer their services as 'Advisors for Developers of

Iżviluppaturi ta' Xenarji ta' Tagħlim li jintegra t-Tagħlim tal-Kontenut u l-Lingwa' bejn id-19 ta'April, 2023 u t-22 ta' Mejju, 2023, sabiex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu tali servizz. Is-servizz huwa mitlub barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol għal massimu ta' tliet (3) sigħat għal kull xenarju ta' tagħlim (lezzjoni ta' 40 minuta) rivedut. Ir-rimunerazzjoni tkun dik ta' €20 fis-siegħa. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista.

Il-proġett Integra huwa ffinanzjat mill-inizjattiva, 'Ir-Reżiljenza għall-Edukazzjoni fl-Ewropa', appoġġjata minn Scientix STE(A)M Partnerships u ffinanzjata minn Cisco, sabiex jintegraw tfal minn sfondi soċjali, ekonomiċi u ġeografiċi differenti f'ambjenti edukattivi ġodda.

1. Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kandidat/i magħżula jinkludu:

parteċipazzjoni f'laqgħat qosra kif meħtieġ;

reviżjoni tax-xenarju/i ta' tagħlim abbozzat/i mill-iżviluppaturi tax-xenarji ta' tagħlim tal-Integra;

reviżjoni ta' kwalunkwe riżorsa bħal worksheets, preżentazzjonijiet u għodda oħra għat-tagħlim li jistgħu jkunu meħtieġa għat-twassil effettiv tax-xenarju/i ta' tagħlim żviluppat/i;

provvista ta' suġġerimenti kif meħtieġ għal tfassil ta' lista ta' riżorsi li jeħtieġ li jiġu akkwistati sabiex tali xenarji ta' tagħlim jiġu użati b'mod effettiv;

kordinazzjoni mal-iżviluppaturi tax-xenarji ta' tagħlim tal-Integra;

iż-żamma ta' relazzjoni ta' ħidma kollaborattiva ma' konsulenti u żviluppaturi ta' xenarju/i ta' tagħlim oħra tal-proġett Integra;

jiġi żgurat li l-iskadenzi kollha tal-proġetti Integra fir-responsabbiltà tagħhom, jiġu rispettati.

2. Kriterji ta' Eliġibbiltà

Il-kandidati eliġibbli għandhom:

ikunu fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema permanenti maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema;

juru evidenza ta' mill-inqas 10 snin esperjenza fit-tagħlim tax-Xjenza jew l-Ingliż;

juru evidenza ta' taħriġ fit-Tagħlim Integrat tal-Kontenut u l-Lingwa (CLIL);

Learning Scenarios using Content and Language Integrated Learning' between the 19th April 2023 and the 22nd May 2023, to express their interest to provide such service. The service is to be carried out outside normal working hours and is being requested for a maximum of three (3) hours per learning scenario (40-minute lesson) reviewed. Service is remunerated at €20.00 per hour. Applicants will be required to sit for an interview.

The project Integra is funded by the initiative 'Education Resilience in Europe', supported by Scientix STE(A)M Partnerships and funded by Cisco, working to integrate children from different social, economic, and geographical backgrounds into new educational environments.

1. Main Duties and Responsibilities

The duties and responsibilities of the selected candidate/s shall include:

participation in short meetings as required;

reviewing learning scenario/s drafted by Integra learning scenario developers;

reviewing any resources such as worksheets, presentations and other teaching and learning aids that are required for the effective delivery of the developed learning scenario/s;

provide suggestions as needed when drawing up a list of resources that need to be procured for the effective delivery of such learning scenarios;

liaising with Integra learning scenario developers;

maintaining a collaborative working relationship with other advisors and developers of learning scenario/s on the Integra project;

ensuring that all Integra project deadlines within their responsibility are respected.

2. Eligibility Criteria

Eligible candidates shall:

be in possession of a permanent Teaching Warrant issued by the Council for the Teaching Profession;

show evidence of at least 10 years teaching experience teaching Science or English;

shows evidence of training in Content and Language Integrated Learning (CLIL);

ikunu kompetenti fl-applikazzjonijiet tal-IT, speċjalment Word u email.

3. Applikazzjonijiet

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' kopja ta' Curriculum Vitae tal-Europass, inkluż sommarju tal-kwalifiki u l-esperjenzi, kif ukoll kopja skennjata ta' kwalunkwe ċertifikat rilevanti permezz ta' (https://edurecruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ħamis, 13 ta' April, 2023.

Kull mistoqsija għandha tintbagħat permezz ta' ittra elettronika lil (noel.harmsworth@ilearn.edu.mt).

Is-6 ta' April, 2023

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għas-servizzi ta' 'Żviluppaturi ta' Xenarji ta' Tagħlim li jintegra t-Tagħlim tal-Kontenut u l-Lingwa'

(Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.)

Bħala parti mill-proġett Integra, iċ-Ċentru tax-Xjenza, fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jistieden kandidati eliġibbli li jixtiequ joffru s-servizz tagħhom bħala 'Żviluppaturi ta' Xenarji ta' Tagħlim li jintegra t-Tagħlim tal-Kontenut u l-Lingwa' bejn id-19 ta' April, 2023 u t-22 ta' Mejju, 2023, sabiex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu tali servizz. Is-servizz huwa mitlub barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol għal massimu ta' seba' (7) sigħat għal kull xenarju ta' tagħlim (lezzjoni ta' 40 minuta) żviluppat. Ir-rimunerazzjoni tkun dik ta' €20 fis-siegħa. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista.

Il-proġett Integra huwa ffinanzjat mill-inizjattiva, 'Ir-Reżiljenza għall-Edukazzjoni fl-Ewropa', appoġġjata minn Scientix STE(A)M Partnerships u ffinanzjata minn Cisco, sabiex jintegraw tfal minn sfondi soċjali, ekonomiċi u ġeografiċi differenti f'ambjenti edukattivi ġodda.

1. Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tal-kandidat/i magħżula jinkludu:

parteċipazzjoni f'laqgħat qosra kif meħtieġ;

ir-riċerka, l-ippjanar u l-iżvilupp ta' xenarju/i ta' tagħlim b'taħlita ta' kisbiet mit-tagħlim tal-Ingliż u x-Xjenza, bħala parti mill-proġett Integra;

be competent in IT applications, especially Word and email.

3. Applications

Candidates should submit their expression of interest, together with a copy of a Europass Curriculum Vitae, including a summary of qualifications and experiences and a scanned copy of any relevant certificates to (https://edurecruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 13th April, 2023.

Any queries should be sent by email to (noel.harmsworth@ilearn.edu.mt).

6th April, 2023

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Call for Expression of Interest for the services of 'Developers of Learning Scenarios using Content and Language Integrated Learning'

(*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.)*

As part of its project Integra, the Science Centre, within the Directorate for Learning and Assessment Programmes, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, invites eligible candidates who would like to offer their services as 'Developers of Learning Scenarios using Content and Language Integrated Learning' between the 19th April, 2023 and the 22nd May, 2023, to express their interest to provide such service. The service is to be carried out outside normal working hours and is being requested for a maximum of seven (7) hours per learning scenario (40-minute lesson) developed. Service is remunerated at €20.00 per hour. Applicants will be required to sit for an interview.

The project Integra is funded by the initiative 'Education Resilience in Europe', supported by Scientix STE(A)M Partnerships and funded by Cisco, working to integrate children from different social, economic, and geographical backgrounds into new educational environments.

1. Main Duties and Responsibilities

The duties and responsibilities of the selected candidate/s shall include:

participation in short meetings as required;

researching, planning and developing learning scenario/s for a combination of English and Science learning outcomes, as part of the project Integra;

preparazzjoni ta' riżorsi bħal worksheets, preżentazzjonijiet u għodda oħra għat-tagħlim li jistgħu jkunu meħtieġa għat-twassil effettiv tax-xenarju/i ta' tagħlim żviluppat/żviluppati;

tfassil ta' lista ta' riżorsi li jeħtieġ jiġu akkwistati sabiex tali xenarji ta' tagħlim jiġu użati b'mod effettiv;

kordinazzjoni mal-konsulenti tal-iżviluppaturi tax-xenarji ta' tagħlim tal-Integra;

iż-żamma ta' relazzjoni ta' ħidma kollaborattiva ma' żviluppaturi ta' xenarju/i ta' tagħlim oħra tal-proġett Integra;

jiġi żgurat li l-iskadenzi kollha tal-proġetti Integra fir-responsabbiltà tagħhom, jiġu rispettati.

2. Kriterji ta' Eliġibbiltà

Il-kandidati eliġibbli għandhom:

ikunu fil-pussess ta' Warrant tal-Għalliema validu (temporanju jew permanenti), maħruġ mill-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema;

ikunu qed jaqdu dmirijiet ta' għalliem/a fil-Kulleġġ Maria Regina Induction Hub Naxxar, sad-data tal-għeluq ta' din l-espressjoni ta' interess;

ikunu attendew is-seminar għall-edukaturi tal-Kulleġġ Maria Regina Induction Hub Naxxar bit-titlu 'Planning a CLIL Lesson: Benefits And Challenges' li sar fis-16 ta' Marzu, 2023;

ikunu kompetenti fl-applikazzjonijiet tal-IT, speċjalment Word u email.

3. Applikazzjonijiet

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' kopja ta' Curriculum Vitae tal-Europass, inkluż sommarju tal-kwalifiki u l-esperjenzi, kif ukoll kopja skennjata ta' kwalunkwe ċertifikat rilevanti permezz ta' (https://edurecruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ħamis, 13 ta' April, 2023.

Kull mistoqsija għandha tintbagħat permezz ta' ittra elettronika lil (noel.harmsworth@ilearn.edu.mt).

Is-6 ta' April, 2023

preparation of any resources such as worksheets, presentations and other teaching and learning aids that are required for the effective delivery of the developed learning scenario/s;

drawing up a list of resources that need to be procured for the effective delivery of such learning scenarios;

liaising with Integra lesson scenario developers advisors;

maintaining a collaborative working relationship with other developers of learning scenario/s on the Integra project;

ensuring that all Integra project deadlines within their responsibility are respected.

2. Eligibility Criteria

Eligible candidates shall:

be in possession of a Teaching Warrant (temporary or permanent) issued by the Council for the Teaching Profession;

be performing teaching duties at the Maria Regina College Naxxar Induction Hub by the closing date of this expression of interest;

have attended the 16th March, 2023 seminar for Maria Regina College Naxxar Induction Hub educators, titled, 'Planning a CLIL Lesson: Benefits And Challenges';

be competent in IT applications, especially Word and email.

3. Applications

Candidates should submit their expression of interest, together with a copy of a Europass Curriculum Vitae, including a summary of qualifications and experiences and a scanned copy of any relevant certificates via (https://edurecruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 13th April, 2023.

Any queries should be sent by email to (noel.harmsworth@ilearn.edu.mt).

6th April, 2023

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Notifika ta' Rtirar – Pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee fil-Ministeru għas-Saħħa

Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sejħa għall-pożizzjoni ta' Basic Specialist Trainee fi speċjalitajiet varji, fil-Ministeru għas-Saħħa, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ħamis, 30 ta' Marzu, 2023, qiegħda tiġi rtirata bis-saħħa ta' dan l-avviż u se terġa' tiġi ppubblikata il-Ġimgħa, 14 ta' April, 2023.

Is-6 ta' April, 2023

AVVIŻ TAT-TEŻOR

Fidwa tal-0.50% Stock tal-Gvern ta' Malta 2023 IV

Skont u għall-finijiet ta'paragrafu 4 taċ-Ċirkolari tal-offerta tat-30 ta' Ġunju, 2020, it-Teżor javża li ż-0.50% Stock tal-Gvern ta' Malta 2023 IV kollu li għandu valur nominali ta' €130,700,000 ser jinfeda b'paritá fil-5 ta' Mejju, 2023.

L-aħħar ħlas tal-imgħax dovut għall-perjodu bejn it-5 ta' Novembru, 2022 u l-4 ta' Mejju, 2023 (iż-żewġ dati nklużi) ser isir fid-data tal-fidwa tal-iStock nhar il-5 ta' Mejju, 2023 bir-rata ta' 0.25% lill-persuni kollha li fit-13 ta' April ikunu reġistrati bħala detenturi tal-iStock fir-Reġistru tal-Borża ta' Malta.

Il-kapital ser jitħallas lura fil-5 ta' Mejju, 2023 lill-persuni kollha li fit-13 ta' April, 2023 ikunu reġistrati bħala detenturi tal-iStock fir-Reġistru tal-Borża ta' Malta.

Is-6 ta' April, 2023

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke – Mejju u Ġunju 2023

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv mir-Ranges ta' Pembroke matul ix-xhur ta' Mejju u Ġunju 2023, fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:

Mit-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2023, sal-Ġimgħa, 5 ta' Mejju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2023, sat-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mill-Erbgħa, 10 ta' Mejju, 2023, sal-Ħamis, 11 ta' Mejju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-11.00 p.m.(ħin lokali)

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2023, sal-Ġimgħa, 19 ta' Mejju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

MINISTRY FOR HEALTH

Withdrawal – Position of Basic Specialist Trainee in the Ministry for Health

The Director General (People Management), Ministry for Health, notifies that the call for the position of Basic Specialist Trainee in various specialities, in the Ministry for Health, published in the Government Gazette of Thursday, 30th March, 2023, is being withdrawn by virtue of this notice and is being republished on Friday, 14th April, 2023.

6th April, 2023

TREASURY NOTICE

Redemption of the 0.50% Malta Government Stock 2023 IV

Pursuant to and for the purpose of paragraph 4 of the Offering Circular of the 30th June, 2020, the Treasury hereby gives notice that all of the 0.50% Malta Government Stock 2023 IV that is, €130,700,000 nominal will be redeemed at par on 5th May, 2023.

The final interest payment covering the period from the 5th November, 2022 to the 4th day of May, 2023 (both days inclusive) will be payable on 5th May, 2023 at the rate of 0.25% to the persons registered as holders in the Register of the Malta Stock Exchange on the 13th April 2023.

The principal will be repaid on the 5th May, 2023 to the persons registered as holders in the Register of the Malta Stock Exchange on the 13th April, 2023.

6th April, 2023

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Programme at Pembroke Ranges – May and June 2023

Live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges during the months of May and June 2023, on the respective dates and times as indicated hereunder:

From Tuesday, 2nd May, 2023, till Friday, 5th May, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 8th May, 2023, till Tuesday, 9th May, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Wednesday, 10th May, 2023, till Thursday, 11th May, 2023, from 8.00 a.m. till 11.00 p.m.(local time)

On Friday, 12th May, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 15th May, 2023, till Friday, 19th May, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

Mit-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2023, sal-Ġimgħa, 26 ta' Mejju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023, sal-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mill-Ħamis, l-1 ta' Ġunju, 2023, sal-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 5 ta' Ġunju, 2023, sat-Tlieta, 6 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mill-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023, sal-Ġimgħa, 9 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2023, sal-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 19 ta' Ġunju, 2023, sal-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 26 ta' Ġunju, 2023, sal-Ġimgħa, 39 ta' Ġunju, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

L-entitajiet kollha huma infurmati li l-FAM se jattivaw LMD-6 Pembroke low, żona b'raġġ ta' erba' (4) mili nawtiċi b'ċentru fuq il-pożizzjoni 355554N 0142832E li tgħaqqad il-punti li ġejjin: 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' (4) mili nawtiċi 'l bogħod mix-xatt ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Għandhom jittajru bnadar ħomor fil-limiti tar-ranges konċernati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

MATS għandhom jattivaw LMD 06 'Pembroke low' waqt il-ħinijiet imsemmija.

Is-6 ta' April, 2023

KUNSILL LOKALI L-ĦAMRUN

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Ħamrun jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 21 ta' April, 2023, mill-10.00 p.m., sal-Ħadd, 23 ta' April, 2023, sas-7.00 a.m., se tingħalaq Triq il-Kbira San Ġużepp minn Pjazza San Pawl sa Triq Dun Nerik Cordina Perez;

Nhar is-Sibt, 22 ta' April, 2023, mill-10.00 a.m., sal-Ħadd, 23 ta' April, 2023, sat-3.00 a.m., se tingħalaq Triq il-Kbira San Ġużepp.

Ħadd ma jista' jipparkja:

Nhar il-Ġimgħa, 21 ta' April, 2023, mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m., tul Triq il-Kbira San Ġużepp, minn Pjazza San Pawl sa Triq Villambrosa naħa waħda u n-naħa tal-Każin Banda San Gejtanu;

From Monday, 22nd May, 2023, till Friday, 26th May, 2021 from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 29th May, 2023, till Wednesday, 31st May, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Thursday, 1st June, 2023, till Friday, 2nd June, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 5th June, 2023, till Tuesday, 6th June, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Thursday, 8th June, 2023, till Friday, 9th June, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 12th June, 2023, till Friday, 16th June, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 19th June, 2023, till Friday, 23rd June, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 26th June, 2023, till Friday, 30th June, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

The attention of all entities concerned is drawn to the fact that the AFM will be activating LMD-6 Pembroke low, an area with 4 NM radius centered on 355554N 0142832E joining the following points 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

All vessels are to keep four nautical miles (4 NM) off Pembroke coast during the above dates and times.

Red marker flags, indicating that the ranges are in use will be flown on the dates and times in caption from the limits of the ranges concerned.

MATS is to activate LMD 06 'Pembroke low' during the above times.

6th April, 2023

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħamrun Local Council notifies that on Friday, 21st April, 2023, from 10.00 p.m., till Sunday, 23rd April, 2023, till 7.00 a.m., Triq il-Kbira San Ġużepp from Pjazza San Pawl till Triq Dun Nerik Cordina Perez shall be closed;

On Saturday, 22nd April, 2023, from 10.00 a.m., till Sunday, 23rd April, 2023, till 3.00 a.m., Triq il-Kbira San Ġużepp shall be closed.

Parking clearance is needed:

On Friday, 21st April, 2023, from 8.00 a.m. till 6.00 p.m. through Triq il-Kbira San Ġużepp, from Pjazza San Pawl till Triq Villambrosa on one side and San Gejtanu Band Club side.

Nhar is-Sibt, 22 ta' April, 2023, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Dun Nerik Cordina Perez kollha, Triq il-Kbira San Ġużepp minn Pjazza San Pawl sa Triq Santa Marija u minn Triq Giovanni Barbara sa Triq Farsons.

It-traffiku kollu jiġi ddevjat kif ġej:

Mill-Belt Valletta direzzjoni Marsa Park and Ride – mhux affettwat lejn Triq Ħal Qormi jew Triq Schembri;

Mir-Rabat/Ta' Qali/Birkirkara – Jiġi ddevjat għal Triq Annunzjata;

Mill-Marsa Park and Ride/Ħal Qormi direzzjoni il-Belt Valletta – jiġi ddevjat għal Triq Ħal Qormi li tiġi 'two way'.

Il-Kunsill Lokali Ħamrun se jkun qed jassisti l-għeluq tat-toroq permezz tal-uffiċjali tal-komunità kif meħtieġ. Barriers għall-għeluq tat-toroq se jiġu pprovduti mill-Kunsill ukoll.

Is-6 ta' April, 2023

On Saturday, 22nd April, 2023, from 7.00 a.m. onwards, through all of Triq Dun Nerik Cordina Perez, Triq il-Kbira San Ġużepp from Pjazza San Pawl till Triq Santa Marija and from Triq Giovanni Barbara till Triq Farsons.

All traffic shall be deviated as follows:

From Valletta direction Marsa Park and Ride – not affected towards Triq Ħal Qormi or Triq Schembri;

From Rabat/Ta' Qali/Birkirkara – deviated to Triq Annunzjata;

From Marsa Park and Ride/Ħal Qormi direction Valletta – deviated to Triq Ħal Qormi which becomes two way.

The Ħamun Local Council shall be assisting in the road closure through community officers as required. Closure barriers will be provided from the Council.

6th April, 2023

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 13 ta' April, 2023.

Avviż Nru. 16. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale, fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija u bi bżonn ta' attenzjoni, f'Nru. 1, Ta' Pascarella, Ħal Qormi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 235_88_3_1. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,100 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u seba' mija ewro (€4,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 17. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale, f'Nru. 33 (qabel Nru. 8), Triq is-Sliem, Il-Marsa, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 231_81_6_8. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,250 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u seba' mija u ħamsin ewro (€4,750) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 13th April, 2023.

Advt No. 16. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, in its present state uncluding any latent defects and in need of attention, at No. 1, Ta' Pascarella, Ħal Qormi as shown edged in red on the plan P.D.235_88_3_1. The airspace of this shop is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and seven hundred euro (€4,700) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 17. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, at No. 33 (formerly No. 8), Triq is-Sliem, Marsa, as shown edged in red on the plan P.D.231_81_6_8. The airspace of this shop is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,250 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and seven hundred and fifty euro (€4,750) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the

artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 18. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit tale quale fi Triq il-Marsa, Il-Marsa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2022_0395. Dan is-sit jista' jkun suġġett għal servitujiet eżistenti favur propjetà adjaċenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,683 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħames mija u wieħed u sittin ewro (€561) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mistiedna li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu billi tagħfas fuq 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' din l-offerta fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas huwa ta' ħamsin ewro (€50) li jitħallas permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja preferuta.

Is-6 ta' April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 10 ta' April, 2023.

ERU Ref. ERU0404U23 – Medicinals
ERU Ref. ERU0404U23 – Devices
ERU Ref. ERU0404U23A
ERU Ref. ERU0404U23B
ERU Ref. ERU0404U23C
ERU Ref. ERU0404U23D
ERU Ref. ERU0404U23E
ERU Ref. ERU0404U23F
ERU Ref. ERU0404U23G
ERU Ref. ERU0304U23 – Medicinals
ERU Ref. ERU0304U23 – Devices
ERU Ref. ERU0304U23A

Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 18. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq il-Marsa, Marsa, shown edged in red on plan P.D.2022_0395. This site may be subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,683 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of five hundred and sixty-one euro (€561) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to read carefully these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the web page where this tender is available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using preferred banking card.

6th April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 10th April, 2023.

ERU Ref. ERU0404U23 – Medicinals
ERU Ref. ERU0404U23 – Devices
ERU Ref. ERU0404U23A
ERU Ref. ERU0404U23B
ERU Ref. ERU0404U23C
ERU Ref. ERU0404U23D
ERU Ref. ERU0404U23E
ERU Ref. ERU0404U23F
ERU Ref. ERU0404U23G
ERU Ref. ERU0304U23 – Medicinals
ERU Ref. ERU0304U23 – Devices
ERU Ref. ERU0304U23A

ERU Ref. ERU0304U23B
ERU Ref. ERU0304U23C
ERU Ref. ERU0304U23D

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-6 ta' April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Call b'referenza ERU Ref ERU0504U23A għandhom jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, 11 ta' April, 2023.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-6 ta' April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 27 ta' April, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-3434/23. Provvista ta' 'individually packed pressure transducer for invasive B/P monitoringi

CFT 009-3435/23. Provvista ta' żewġ ioocyte pumpsi b'impatt ambjentali ridott għad-Dipartiment tal-IVF fl-Isptar Mater Dei

CFT 021-3436/23. Provvista ta' iPomalidomide 3mg capsulesi (proċedura aċċellerata)

CFT 020-3437/23. Provvista ta' 'nasal jejunal feeding tube'

CFT 021-3438/23. Provvista ta' 'Flucytosine 2.5g injections or 250mg tablets'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-

ERU Ref. ERU0304U23B
ERU Ref. ERU0304U23C
ERU Ref. ERU0304U23D

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

6th April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the ERU Competitive Call with reference ERU Ref. ERU0504U23A will be received up to noon of Tuesday, 11th April, 2023.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

6th April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Thursday, 27th April, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-3434/23. Supply of individually packed pressure transducer for invasive B/P monitoring

CFT 009-3435/23. Provision of two oocyte pumps with reduced environmental impact for the IVF Department at Mater Dei Hospital

CFT 021-3436/23. Supply of Pomalidomide 3mg capsules (accelerated procedure)

CFT 020-3437/23. Supply of nasal jejunal feeding tube

CFT 021-3438/23. Supply of Flucytosine 2.5g injections or 250mg tablets

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt).

reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-6 ta' April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT009-3342/23 – Provvista ta' siġġijiet tal-uffiċċju ergonomiċi b'materjali u proċessi li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar u CFT 009-3340/23 – Provvista ta' neurosurgical endoscopy tower, b'impatt ambjentali ridott, inkluż monitor effiċjenti fl-użu tal-enerġija ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-Tlieta, 14 ta' Marzu, 2023, id-data tal-għeluq ġiet estiża għas-Sibt, 18 ta' April, 2023.

Is-6 ta' April, 2023

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Pembroke, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju, 2023, għal:

Avviż Nru. PLC_T_02_2023. Kollezzjoni ta' skart goff u WEEE mil-lokalità ta' Pembroke, bl-użu ta' trasport li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti huma bla ħlas u jinkisbu/jitniżżlu u jintlaqgħu BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Is-6 ta' April, 2023

Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

6th April, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT009-3342/23 – Provision of ergonomic office chairs produced with environmentally friendly materials and processes for a period of twenty-four months and CFT 009-3340/23 – Provision of neurosurgical endoscopy tower, with reduced environmental impact, including energy efficient monitor, published in the Government Gazette of Tuesday, 14th March, 2023, will be extended till Saturday, 18th April, 2023.

6th April, 2023

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:

Tenders will be received by the Pembroke Local Council, up to 10.00 a.m. on Friday, 12th May, 2023, for:

Advt No. PLC_T_02_2023. Collection of bulky refuse and WEEE from the locality of Pembroke, using environmentally friendly transport.

